KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tal-Wieħed u Tletin (31) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur
# It-Tnejn, 10 ta' April, 2017, fil-5.30pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żagħżagħ |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

## 1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

Is-Sindku nforma li l-Kunsillier Michael Camilleri talab li jiġi skużat mil-laqgħa minħabba Provi ta' l-Orkestra. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-minuti tat-tletin laqgħa, tat-13 ta' Marzu 2017, ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.

- **Baveno -** Is-Sindku innota li s-Sindku ta' Baveno għamlet kuntatt miegħu rigward l-istedina li saritilha, u infurmatu li bħalissa l-Kunsill tagħhom mhux f'posizzjoni li jagħmel ħafna inizzjattivi. Madanakollu hija ser tara jekk tiġix f'mawra Malta u s-Sindku kompla jgħid li hu ser ikun Baveno f'Awwissu u kif ikun hemm ser jara li jagħmel viżita fil-Kunsill tagħhom.

## 4. Korrispondenza.

(5766) Ċirkulari 23/2017- Presentation during Plenary Meeting 04/03/17
(5767) Laqgħa tal-Onorevoli Stephan Buontempo mal-Kunsilli Lokali Għawdxin
(5768) Cirkulari Nr. 8/2017- Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli lokali
(5769) Email mingħand id-DLG dwar Premju Frans Sammut
(5770) Ittra mingħand D. Carmelo Portelli dwar dawl fil-Pjazza għal Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira
(5771) Email mingħand id-DLG rigward laqgħat – Linji Gwida u materjal relatat fuq Tismija ta' Toroq
(5772) Talba mingħand Gebuba Wine Bar dwar no objection għal chairs and tables area.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Is-Sindku spjega lil Kunsilliera fuq l-updates tal-Master plan approvat fejn hu u l-Perit tal-Kunsill kienu preżenti għal board tal-Planning Authority. Il-Planning Authority ħarġu l-permess fuq ftiehem li titneħħa l-parti allokata fin-naħa ta' fuq tal-pjazza. Is-Sindku innota ukoll lill-kunsilliera preżenti rigward il-laqgħa li kellu hu mal-bars tal-Pjazza. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill għamel biċċa xogħol kbira fuq din il-Master Plan li minna ser igawdu l-ħwienet tal-Pjazza. Il-Kundizzjonijiet tal-Planning Authority huma li kollox ikun retractable. Il-Kunsill, TM u l-Pulizija għandhom id-dritt li jneħħu ic-chairs and tables f'kas ta' attivita' imtella' minnhom. Kien hemm preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill Ġiovann Vella tal-Gebuba Bar. Il-Kunsill qabel fuq it-talba għal no objection ta' area mitluba minnu biex jkun jista' japplika mal-Planning Authority.

(5773) Cirkulari 27/17 – Workshop fuq l-iżvilupp ta' proġetti fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli

(5774) No objection minghand TM dwar stop line markings fi Triq Ta' Ħanaq u Triq ir-Ramla

(5775) No objection mingħand TM dwar double yellow line fi Triq Agius de Soldanis

(5776) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq Diċembru 13 dwar bejgħ ta' xtieli.

- Il-Kunsill qabel fuq dan.

(5777) PQ 32341

(5778) Ittra mingħand id-DLG rigward approvazzjoni ta' l-ammont ta' €10,000 fuq Skema Attivitajiet Kulturali- (karnival)

(5779) Ittra mingħand Planning Authority rigward Avviz ta' Infurzar :- EC/00599/06

- Is-Sindku spjega li hawnhekk trid issir applikazzjoni gdida minhabba l-bankina tal-kunsill. Il-Kunsilliera qablu.

(5780) Ittra mingħand DLG rigward Kontijiet tad-dawl u l-Ilma

(5781) Stedina – Invit tnegħdija tal-Programm u zjara lir-residenti ta' San Vincenz de Paul fl-okkazjoni tal-125 sena anniversarju

(5782) Ittra mingħand Local Council Association dwar Russian Concert

(5783) Ittra mingħand id-DLG dwar expenses related to past contraventions

(5784) Ittra mingħand Dr. Marc Sant rigward li mhux ser jibqa' jokkupa l-kariga li għandu ta' President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

(5785) Ittra mingħand Għaqda Teatrali Mnarja rigward Nadur Song Festival.

- Il-Kunsill qabel li din l-attivita' għandha titgħella bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill Lokali Nadur. Il-Kunsill qabel li jħallas trophies fl-amont ta' 250euro. Il-Kunsill qabel li jekk din l-attivita' titħassar bħal tal-Miss Queen Carnival il-kunsill ma jħallas xejn.

(5786) Ittra mingħand Laura Vicuna School rigward talba għal għajnuna biex nsebbħu l-ambjent ta' madwarna.

(5787) Email mingħand DLG rigward Ftuħ tal-Ufficcju Amministrattiv f'Sibt il-Għid.

- Il-Kunsilliera qablu li ghandu jingħalaq l-uffiċċju u jigu nformati r-residenti.

## 5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Is-Sindku innota li nħargu pagamenti ta' 2,500 euro lil Gatt Tarmac u kif ukoll lil Road Construction sabiex nilħqu l-budget. Is-Sindku nnota li kien hemm l-Audit u li l-Kunsill ikkopera u pprovda kull ma ġie mitlub fil-ħin. Is-Sindku tkellem mal-Awditur fejn wera li hu kuntent li ħafna issues ġew indirizzati mill-aħħar Audit li kien sar tas-sena 2015. Is-Sindku nnota li fil-viċin ser ikun hemm bzonn li issir laqgħa minħabba l-Audited Financial Statements. Il-Kunsilliera prezenti qablu li peress li f'aħħar laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi

kienu ġew approvati l-Financial Statements m'hemmx il bzonn li ssir laqgħa tal-Finanzi ukoll fuq dan. Kien hemm qbil li ssir laqgħa fl-20 ta' April fil-5:30pm dejjem jekk jintbgħatu l-Audited Financial Statements mingħand l-Awdituri u jkun hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill. Is-Segretarja nnotat li kien hemm xi pagamenti oħra li laħqu daħħlu sa qabel il-laqgħa li kienu tal-għaqdiet tal-Karnival. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward kontijiet ta' Peter Paul Said fejn għandu miktub 'other works'. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku spjegaw li dawn ikunu affarijiet bhal debris li jkunu mistennija li jsiru bhal parti mit-tender tal-kiri tal-makkinarju. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni fuq certu emails għal talba ta' ħlas mingħand għaqdiet tal-Karnival biex jinħargu Invoice ukoll. Is-Segretarja ser tieħu ħsieb tkellem l-għaqdiet biex jipprovdu invoice ukoll u mhux e-mail biss. Is-Sindku spjega fuq kontijiet li hemm pendenti tal-Pjazza skond iċ-ċertifikati tal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu fuq dawn iċ-ċertifikati u ser jistennew li jinħargu l-kontijiet min naħa tal-Kuntrattur biex jinħargu l-pagamenti imbagħad wara. Is-Sindku innota u spjega ukoll l-kaz pendenti fuq il-kont tal-WSC. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

*F'dan il-ħin daħal il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri.*

**6. Karnival FECC.**

Is-Sindku nnota li rigward is-Sound saru numru ta' laqgħat mat-technician Richard Grech flimkien ma Rupert Grech, Peter Azzopardi u Ivan Xuereb. Dan iddisinja mappa ta fejn se isir is-sound u minn fejn se jgħaddu l-cables, dan ikun prova għal Karnival Spontanju. Is-Sindku kompla jgħid li l-quotation se tinkludi kemm irridu saħħa ta sound u kif irid jintrama x-xogħol. Richard Grech se jaċċerta li jagħmel sound checks fil-karnival. Is-Sindku ddeċieda li ma jintuzax bass, kemm għax idejjaq lin-nies, u anke għax inkella l-prezz jogħla ħafna. Is-Sindku kompla jgħid li rridu nikru scaffoldings għal dan ix-xogħol u hu iċċekja ma Xmun Projects u għandu scaffoldings zgħar li nistgħu nikru. Il-Kunsilliera qablu.

Is-Sindku nnota li rigward il-BBQ, l-Għaqda tan-Nar aċċettaw li jorganizzawh u ser jiddiskuti magħhom hu u Raymond Vella. Is-Sindku qal li l-ħsieb hu li d-delegati jzuru l-Monument tal-Karnival u t-torri ta' Kenuna u Gnien Il-Kunsill bejn is-6pm u 7pm. Wara jkun hemm il-BBQ sad-9pm u wara l-Karnival. Kien hemm qbil li l-Indafa jsir mill-Kuntrattur Nicholas Zammit u id-dawl D Illumination halli jiġu iffrankati l-cables. Security ser ikun hemm tnejn fuq iz-zuntier u tnejn isfel u mobile toilets ikun hemm l-istess amont bhal tal-Gimgħa tal-Karnival Spontanju. Is-Sindku innota ukoll li Marketing se jibda wara l-Għid il-Kbir fuq facebook, posters u flyers.

**7. Festi tal-Ġimgħa Kbira u Għid.**

Is-Sindku innota lil Kunsilliera li kien hemm talba mingħand il-Kumitat tal-Purcissjoni għal kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali u allura nipprovdu siġġijiet bħas-sena l-oħra li ħolqu atmosfera mill-isbaħ. Il-Kunsilliera preżenti qablu fuq dan.

**8. Offerti Pubbliċi:**

- Kwotazzjoni NLC05/2017- The Cleaning and Maintenance of Public Convenience in an Environmentally Friendly Manner:
  - Kien hemm kwotazzjoni waħda ta' Mario Cardona li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Bord ta' Evalwazzjoni.

- Tender NLC07/2017- Construction of new and replacement of existing pavements in the Nadur Locality under the direction of Nadur Local Council:

Din giet mgħotija lil Joseph Rapa bhala l-irħas offerta konformi wara rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

Il-Vici-Sindku Eucharist Camilleri li hu c-Chairman tal-Bord gibed l-attenzjoni li l-membri tal-Bord għandhom responsibilita' kbira u għandhom jieħdu kumpens ta' dan ix-xogħol. Kien hemm qbil li dawn jitħallsu 50 euro ta' kull sitt xhur. Is-Sindku nnota ukoll li għandu jkun hemm id-dokumenti kollha ippreparati għal meta jiltaqa' l-Bord u li c-Chairman għandu jara li dan jiġri b'mod effiċjenti.

Is-Sindku innota li fil-granet li gejjin ser jinħargu l-offerti tal-Perit u ta' Gnien il-Kunsill. Ser jinħadmu ukoll l-ispecifications fuq ir-Refuse Collection u l-Bulky Refuse biex ikunu jistgħu jinħargu.

Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera x'jaħsbu jekk jibda jinġabar il-bulky refuse mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li għandha terġa' tinħareġ offerta pubblika u dan minħabba ħafna mpenji tal-ħaddiema.

**9. Charter.**

Is-Sindku innota li hu u l-Viċi-Sindku kellhom laqgħa rigward ic-Charter mac-Chairman tal-Valletta 18 is-Sur Jason Micallef li kienet ta' success. Il-Viċi Sindku fakkar li għandu jsir DVD imtella' min CVC biex jitella' Kannus gewwa Finland fejn ser jmorru 4 adulti u 4 zgħazagh mis-6 sa' l-10 ta' Lulju. Riġward ic-Charter f'Bievre, Belgium li ser ikun bejn 22 u 25 ta'

Settembru u jieħdu sehem 6 persuni. Is-Sindku nnota li dawn tal-aħħar ma humiex se jieħdu kumpens għal flights.

**10. Materji Oħra.**

- **Triq il-Ramla l-Qadima**: Is-Sindku tkellem mad-Direttur tad-DLG dwar il-bżonn li din tibda tiġi indirizzata fejn jidħol wiċċ ġdid. Huwa ssuġġerixxa tender fuq numru ta' snin li torbot lil Kunsill Lokali ikompli bil-fażijiet li jmiss biss jekk ikun hemm fondi disponibbli. Dan irid isir wara li jiġi kreat tender apposta speċifiku, bl-għajnuna ta' perit u avukat, u jiġi approvat mid-DLG. Il-Kunsilliera qablu li għalissa naħdmu fuq id-dokument u jiġi diskuss.

- **Delicata Wine Festival**: Is-Sindku innota li tkellem ma Delicata u din is-sena ser tinbidel is-sistema tat-tazzi ta' l-inbid fejn se jispiċċa l-każ ta' 'open-bar' meta tixtri tazza. Issa ser tinxtara tazza għal 15euro flok 14euro u tingħata wallet b'24 chip. L-ammont ta inbid fit-tazza zdied għal 150ml u tazzi se ikollom measure. Id-Delicata sabu din is-sena lil-Catermax ma Abraham Supplies – branded 'Il-Kcina' – Maltese/Mediterranean cuisine biex jiehu r-Restaurant f'idejhom. Is-Sindku ser jitlob lil Delicata biex jerġghu jgħinuna fl-Entertainment.

- **Open Market Mother's Day**: Dan ser ikun nhar il-Ħadd, 7 ta' Mejju.

- **Health and Safety**: Is-Sindku nnota li kif gejna mitluba mid-DLG, il-Kunsill irrid ikollu dawn l-affarijiet fl-uffiċċju:-

i. Risk assessment

ii. Health and Safety Representatives.

iii. Fire Fighting Appliances.

iv. Fire Drill kull sitt xhur.

v. Fire Training ghal impjegati kollha.

vi. First Aid box

Il-Kunsill qabel li dawn l-affarijiet mitluba jsiru

- **Tender ta' Street Lighting**. Is-Segretarja spjegat li attendit laqgħa Għajnsielem fejn kien hemm Sindki u Segretarji ta' irħula oħra flimkien ma' l-Inġinier Renzo Curmi ta' Galea and Curmi Eng. Kien hemm proposta li isir tender waħda għal dawk l-irħula interessati li tinkludi it-tiswija ta' kull bozza barra kif ukoll ta' gewwa tal-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill jipprovdi l-bozza hu. Il-ħsieb kien li jitqabbad persuna teknika biex jgħin fid-dokument tat-tender, u jinħareg fuq kunsill partikulari f'isem kullhadd. Il-Kunsill ser jara d-draft tat-tender meta tkun lesta u tittieħed decizzjoni min hemm.

- **Traffic Management Flow**: Is-Sindku nnota li l-Kumitat Festi Esterni ppropona pjanta rigward il-one ways fi zmien il-Festa. TM qalulna li din se tiswa mhux hazin biex tinstalla tabelli, apparti

problemi oħra. Il-Kunsilliera ddiskutew fit-tul din il-proposta u kkunsidraw l-ispejjeż, tgergir tar-residenti, vijabbilta u materji oħra u ma qablux unanimament fuq din it-talba.

- **Bozza milquta f'Ta Xhajma**: Is-Segretarja informat lil Kunsilliera li ġiet milquta bozza fi Triq ta' Xhajma b'inċident tat-traffiku. Is-Segretarja għamlet kuntatt mal-pulizija jekk kienx hemm xi rapporti ta' inċidenti, izda min ħabbat baqa' sejjer. Is-Segretarja għamlet kuntatt ukoll mar-Reġjun ta' Għawdex fejn ġiet informata li l-Kunsill jrid iħallas għal din il-bozza għalkemm din din arterjali li skond l-Inġinier ta' Galea & Curm Eng. ser tiswa madwar 450 euro. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġġerit li naraw ma' l-Insurance tal-Kunsill jekk nistgħux nagħmlu claim magħhom fuq din il-bozza. Is-Segretarja ser tara fuq dan.

- **Ħargiet Anzjani**: Is-Sindku innota li ser ikun hemm ħarga għal l-Anzjani nhar it-Tnejn 24 t'April fejn ser immorru l-quddies fil-Knisja Madonna ta' Lourdes u wara restaurant Pizza Marina Pub. Hu kompla jgħid li l-ħarga l-oħra hi nhar it-Tnejn, 22 ta' Mejju fejn ser jmorru Malta u jipprovaw jagħmlu żjara l-Palazz tal-President. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.

- **Summer Courses**: Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li jsiru dawn il-Korsijiet fis-sajf:-

i. Arts and Crafts

ii. Mosaic Art

iii. Ganutell, Lace Making, etc…

iv. ERRC First Aid

Kien hemm qbil li jekk Kunsilliera jattendu għal dawn il-korsijiet, dawn ikunu pprovduti mill-Kunsill Lokali.

- **Bars Mnarja** – Is-Sindku nnota li din is-sena l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13th talbu biex l-Armar tal-Festa jibqa' fl-istess post tas-soltu peress li hemm bars ġodda. Kien hemm qbil fuq dan.

- **Day Centre**: Is-sindku nnota li Mary Rose Grima bhalissa tinsab indisposta. Lina qabdet lil oħta Nancy biex tgħin u ħallsita minn dak li kien fadal. Għalissa sakemm tirritorna se tibqa' tidħol Nancy tgħin lil Lina u l-Kunsill jagħti kumpens lilha flok lil Mary Rose. Kien hemm qbil fuq dan.

- **Quotations Mnarja**: Is-Sindku nnota li ser jinħargu quotations għal-Sound, dawl, tindif ta' toroq u l- attivita' tat-Tfal.

- **Sotto-Kumitat Mnarja** – Is-Sindku nnota li se nibgħatu biex dan il-Kumitat jibda jiltaqa' wara Gimgħa Kbira.

- **Leman Cetin**: Is-Sindku nnota li din ser tkun hawn bejn it-3 u s-7 ta' Mejju. Hu ser ikun jgħin biex tirranga programm għal 4 għalliema u 12 tfal (7-9 years). Dawn ser joqogħdu n-Nadur. Programm ser jinkludi dawra fin-Nadur, skola Nadur u skola Sannat, ikliet fin-Nadur, Cittadella, Qbajjar, Ramla, uzu mill-grawnd tal-futbol, workshops ma' artisti u gurnata Malta. Il-Kunsill qabel ma dan u li jipprovdi workshop ma Charlie Camilleri għal dawn l-istudenti.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- **Irrickla Strina**: Is-Sindku nnota li Greenpak għandhom kampanja li jingabru plastic caps. Il-Kunsill jirregistra billi jsir ħlas ta' 25euro li tmur għal MCCF, u min jiġbor l-aktar ikun awarded mill-President. Dawn jingabru sa nofs Dicembru.

- **Fondi Europe for Citizens**: Is-sindku nnota li hu u s-Segretarja kellhom meeting ma Fabian Galea tad-DLG u gibna informazzjoni dwar applikazzjonijiet li jgħalqu f'Settembru. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jaqblux li nagħmlu applikazzjoni biex isir ġemellaġġ ma' Zafferana. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.

- **Requests**:
  - Talba għal Double yellow line quddiem 7, Grunju. Dan hemm qbil ma tal-faċċata.
  - Talba biex titranġa bankina ta' Lucia House, Triq Lourdes.
  - Talba biex Titranga bankina ta Algonquin, Triq Zrajk.

**11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:40 pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar il-Hamis, 11 ta' Mejju 2017, fil-5.30p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva